MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 516/2002/1

**Darmanin Footwear Limited**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attirici ppremettit illi hija registrata mal-konvenut bhala persuna li ghandha attivita' ekonomika u ghandha numru ta' registrazzjoni 1053-3525.

Premess illi fit-18 ta’ Mejju, 1999, skond dokument hawn anness u mmarkat bhala dokument A, l-attur informa lill-konvenut a tenur tal-ligi li huwa ma kellux ihalllas jew hallas izjed taxxa milli kienet dovuta skond il-Kap 406 tal-Ligijiet ta’ Malta u talab lill-konvenut biex ihallas lura dik it-taxxa li kienet imhallsa zejda minnu u dan ai termini tal-Artikolu 69 (1) u (4a) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Premess illi l-konvenut ikkontesta din it-talba ghal hlas maghmul mill-attur u talab lil Bord tal-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud biex it-talba attrici ma tigix milqugha.

Premess illi l-konvenut b’decizjoni tal-5 ta’ Settembru, 2000 hawn annessa u mmarkata dokument B tilef il-pretensjoni tieghu u l-Bord tal-Appell Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur mizjud ordna lill-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm 17,235.

Premess illi l-konvenut hassu aggravat b’din it-tali decizjoni u appella minn din is-sentenza quddiem l-Onorabbli qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet “Kummissarju tal-VAT vs Darmanin Footwear Limited” liema kawza giet deciza fl-10 ta’ Jannar, 2002 u fejn it-talbiet tal-konvenut gew ghal darb’ohra respinti, liema sentenza hija hawn annessa u mmarkata bhala dokument C.

Premess illi l-konvenut hallas biss is-sorte ta’ Lm17,235 u l-ispejjez tal-kawza imma naqas milli jhallas l-imghaxijiet a tenur tal-ligi bir-rata ta’ 1% fix-xahar u/jew parti minnha a tenur tal-Avviz Legali numru (5) tal-1999 regolament numru (10) u (12) maghmulin in forza tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Premess illi l-interess bir-rata ta’ 1% fix-xahar u/jew fuq parti minnu huma dovuti mill-konvenut a tenur ta’ dawn l-istess regolament u cioe minn Awissu, 1999 fuq is-somma ta’ Lm17,235 jammontaw ghal Lm5515.20c u dan skond dokument D.

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut.

Premess illi l-attur jaf lilu nnifsu bil-fatti kif fuq dikjarati.

Premess illi l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni valida x'jissolleva.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex din il-qorti m'ghandhiex :

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm5515.20c (hamest elef hames mija u hmistax il-lira u ghoxrin centezmu) oltre l-imghax legali mill-5 ta' April 2002 rapprezentanti imghaxijiet bir-rata ta' 1% fix-xahar fuq is-somma dovuta mill-konvenut lill-attur bhala rifuzjoni dovuta skond l-Avviz Legali numru (5) tal-1999 regolament numru (10) u (12) skond l-Att XXIII tal-1998 ossija tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' April 2002.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol. 16 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija intempestiva stante li l-konvenut m'ghandu l-ebda mghax xi jhallas u molto magis illi jigi rinfaccjat b'citazzjoni bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta kif sar fil-kaz odjern ;

2. Illi ai termini tar-regolament 10 ta' l-Avviz Legali 5 ta l-1999 is-socjeta' attrici ma hi intitolata tircevi l-ebda mghax kif ser jirrizulta b'mod l-aktar limpidu u car waqt it-trattazzjoni tl-kaz;

3. Illi t-talba attrici ghall-hlas ta' imghax mill-konvenut hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi hija bla fundament

guridiku u quindi improponibbli u l-konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi kienu talbu minghand il-kovenut rifusjoni ta’ taxxa a tenur ta’ l-artikolu 69(1) u 4(a) tal-Kap 406 li huwa allegaw li kienu hallsu zejjed. Il-konvenut kien oppona dina t-talba u kien ikkontestaha quddiem il-Bord ta’ l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. L-atturi originarjament kienu talbu rifuzjoni ta’ LM 26, 306 liema somma gie ridotta bi ftehim bejn il-partijiet ghall LM 19,150. Imbaghad il-Bord fid-decizjoni tieghu kien iddecieda li dina s-somma kellha terga’ titnaqqas bi 10% ohra ghall Lm17,235 u dana billi l-atturi kienu hatja ta’ certu element ta’ nuqqas meta nkludew fit-talba taghhom originali prodotti li ma messhomx inkludew u li stennew sakemm jigi l-awditur tad-Dipartiment biex jikkorregi dana n-nuqqas. Il-Bord apprezza li f’dan il-kaz ma kienx hemm intenzjoni ta’ qerq minn naha ta’ l-atturi. Il-konvenut kien appella minn dina d-decizjoni li giet konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell in toto (ara dok C a fol 8). Il-konvenut eventwalment hallas is-sorte u l-ispejjez tal-kawza izda mhux l-imghax li l-atturi ighidu li huma dovuti skond il-Legal Notice 5/1999 artikoli 10 u 12. Ghalhekk saret dina l-kawza.

L-attur qed jippretendi li hu kellu jithallas imghax bil 1% kull xahar minn meta r-refund kien dovut cjoe mill-31 ta’ Awissu, 1999. (Art 10 a L.N. 5/1999) Dan gie mahdum skond id-dokument a fol. 13 fl-ammont ta’ Lm5,515.20.

Il-konvenut qed jissottometti li mhux dovut ebda imghax billi hu kien gustifikat li jikkontesta l-ammont originali li talab l-attur u li l-Bord ta’ l-Appelli u l-Qorti ta’ l-Appell

tawh ragun fis-sens li mhux l-ammont kollu mitlub mill-attur kien rifondibbli.

Il-konvenut jikkontendi li ai termini tar-regolament 10 tal LN 5/1999 l-hlas lura jista' jsir jekk ikun hemm applikazzjoni valida ghar-rifuzjoni. F'dana l-kaz hu jghid li l-applikazzjoni ma kinitx valida billi mill-ammont mitlub ta' Lm26,306 il-Bord tah biss Lm17,235. Fil-fatt dana huwa korrett billi wara li kien hemm tnaqqis fl-ammont mitlub bi ftehim bejn il-partijiet il Bord rega' rriduca ulterjorment it-talba b'10% ohra minhabba nuqqas da parti ta' l-attur.

Ma kienitx htija tal-konvenut li t-talba kif maghmula mill-atturi ma setghetx tithallas mill konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, imma kellu jistenna li dana jigi determinat mill-Bord ta' l-Appell u mill-Qorti ta' l-Appell. F'dana l-kaz ma kienx dovut hlas lura mill-konvenut tas-somma kif originarjament mitluba, imma l-ammont li kelluu jithallas kien biss dak determinat mill-Bord u ghalhekk minn meta ddecida l-Bord. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat dina d-decizjoni u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tad-decizjoni tal-Bord, u mhux kif qed jissottometti l-konvenut li mhu dovut ebda imghax.

Ghalhekk it-talba attrici ghandha tintlaqa' limitatament ghall ammont ta' Lm3,102.30 u cjoe mill-5 ta' Settembru 2000 data tad-decizjoni tal-Bord sad data tal-prezentata tac-citazzjoni kif mahduma fid-Dok D. (Lm17.235 x1%x18).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi

billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm3,102.30c;
spejjez bin-nofs;

u bl-imghax legali mid-data ta' dina s-sentenza.

---------------------------------TMIEM---------------------------------